Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-7 ta' Novembru 2023**

**Distrett Birkirkara**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**Versus**

**Daniel Cucciardi**
**(329386M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Daniel Cucciardi** ta' 30 sena, iben Saviour Cucciardi u Doriette nee' Spiteri imwieled Pieta' fid-9 ta' Lulju, 1986 u residenti Blk B1, Flat 5, Triq il-Watar, Ta' Xbiex, jew Adonai, Triq G. Dimech Debono, B'Kara detentur tal-karta tal-identita' 329386M.

Akkuzat talli nhar it-28 ta' April 2017 ghall-habta ta' bejn l-04:30am u s-14:00hrs u fil-granet ta' qabel gewwa Triq G. Dimech Debono, Birkirkara;

1. Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita dritt li jipretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Jeffrey Xuereb u Denise Xuereb Micallef fil-pussess ta' hwejjgu b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor;

2. Volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn 23.29 Euro izda anqas minn 250 Euro ghad-dannu ta' Jeffrey Xuereb u Denise Xuereb Micallef.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi xehed Jeffrey Xuereb fit-28 ta' April 2017, fejn qal illi hu nizel fil-garaxx tieghu u tal-mara, li jinsab taht id-dar taghhom u d-dar tas-Sur Cucciardi gewwa B'Kara u xeghel id-dawl. Meta wasal lura mix-xoghol ghal habta tas-2.30pm meta mar biex jixghel id-dawl ma xeghel xejn. Hareg fil-bitha biex jittawwal u sab li d-dawl u l-ilma kienu maqtughin. Hu jaf li kien qatghahom Cucciardi, li gharaf fl-awla bhala l-imputat, ghax fil-15 ta' April 2017, kien il-Gimgha l-Kbira, kien mar tal-Enemalta u kien qallu li kellu d-dawl ghaddej minn proprjeta' ta' haddiehor u kien kontra l-ligi u kien kellem lil Cucciardi. Kien qal lill-mara fuq it-telefon li Cucciardi kien qallu illi hu kien ha jibqa' ghaddej bic-chaser u jaqta' kollox. Dan id-dawl kien ghaddej mill-bitha tieghu li tinsab fuq wara tal-garaxx u fuqha hemm il-proprjeta' ta' Cucciardi u ma' genbu l-proprjeta' taghhom.

Illi xehdet Denise Xuereb fejn qalet illi fit-28 ta' April 2017, kienet spiccat xoghol ghal xi 2.35pm u x'hin waslet id-dar, ir-ragel kien qalilha li sab id-dawl u l-ilma tal-garaxx taghhom maqtughin, li jinsab taht il-proprjeta' ta' Cucciardi. Fl-14 ta' April 2017, kien mar Joe Farrugia mill-Enemalta u kien qalilhom biex jaqtghu d-dawl u l-ilma ghax ghaddejjin mill-proprjeta' ta' Cucciardi. Huma kienu gabu lill-Perit Claude Mallia li kien kiteb lill-Enemalta biex jghidilhom illi d-dawl kien ghaddej mill-proprjeta' taghhom u mhux ta' haddiehor. Hi kienet cemplet lil Joe Farrugia li kkonferma illi kien ircieva r-rapport tal-perit, u li mhux huma kien qatghu d-dawl, izda qalilhom li Cucciardi kien kellmu xi gimgha qabel, u meta qallu li ma kienux ser jaqtghu d-dawl ghax kien ircieva rapport tal-Perit taghhom, kien wiegbu li kien ser jibqa' ghaddej bic-chaser. Kienu ghadhom bla dawl u ilma sa llum u kellhom jifthu kawza ta' spoll. Kien hemm incident iehor fejn ir-ragel sema' hsejjes u sab il-gebel fil-garaxx u mar jaghmel rapport. Fit-2 ta' Mejju 2017, il-bitha spiccat maghluqa bil-hadid ghax l-imputat ghalaq is-saqaf. Huma kellhom chest freezer fil-garaxx u l-ikel li kien hemm spicca nizel kollu u kellhom jarmuh, izda ma kinitx taf kemm kien l-valur.

Illi fl-4 t'April 2021 il-Perit Borg Costanzi ipprezentat r-rapport li gie mmarkat BC1[1] u xehdet illi fil-31 t'Ottubru 2019, illi l-bitha fil-livell tal-garaxx kienet mal-garaxx u meta marret fuq il-post kien hemm gradilja.

[1] Fol. 32

Hi dahlet fil-proprjeta ta' Cucciardi u l-*parte civile* kienu hemm dakinhar, izda ma tafx jekk dahlux, imma hi zgur ma qaltilhomx biex ma jidhlux. Hi ma tafx jekk Cucciardi dahalx fil-bitha tal-garaxx ghax trid tghaddi minn passagg dejjaq. Fir-rapport tghid illi il-pajpijiet kienu ghaddejin minn fuq hajt komuni u ma tressqet ebda prova biex jigi ippruvat bil-kontra. Ikkonfermat li kienet qieghda tipprezumi li kienet komuni ghax ma kellha ebda prova kontra, u kienet ipproponiet seduti, izda l-partijiet ma kienux qablu. Ikkonfermat illi l-gradilja hija ostaklu ghad-dawl u l-arja li kienet tgawdi l-bitha.

Illi xehed il-Perit Claude Mallia li kkonferma z-zewg rapporti tieghu, wiehed tal-hajt divizorju li jifred il-bitha tal-klijent tieghu minn mal-gar li kien fih xi tlieta jew erba' filati u t-tieni rapport kien dwar servizzi ghaddejjin mill-arja tal-bitha tieghu. Fil-kontro ezami hu qal illi ma marx fil-bitha tal-klijent tieghu u lanqas ma mar fuq in-naha l-ohra u lanqas fit-terrazzin.

**Ikkunsidrat**

Illi jidher illi l-*parte civile* kienu ghaddew xi pajp minn fuq cint komuni u li baqa' niezel ghal garaxx li kienet proprjeta' taghhom. Mal-garaxx kien hemm bitha, u maghha fuq il-livell tal-proprjeta' tal-imputat kien hemm cint ta' tlieta jew erba' filati. L-imputat nehha dan ic-cint u ghalaq il-bitha bi gradilja li gie l-istess livell tal-art tal-bitha tieghu. Jidher li meta ghamel dan ix-xoghol qata' il-'pipe' tad-dawl u ilma tal-*parte civile* ghax hu ppretenda li kellhom jnehhuh, ghax skont hu ma kienx skont il-ligi. Il-partijiet qablu li jitqabbad Perit bhala espert tal-Qorti li hejja rapport u xehed quddiem din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi Fil-kawza ***Il-Pulizija vs. Joseph Bongailas,*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ottubru 2001 il-Qorti qalet:-

*'L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-propjeta' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga....Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta'spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni'.*

Illi fil-kawza, '***Il-Pulizija vs. John Vassallo'***[2]**,** il-Qorti qalet is-segwenti:

*'Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l- artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati.'*

Illi fil-kawza '***Il-Pulizija vs. John Dimech'***[3] intqal:

*'id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu'*.

Ghalhekk l-imputat ma' kellu ebda dritt li jaqta' d-dawl u l-ilma tal-*parte civile*. Fir-rigward tal-hsara li allegament sofrew il-*parte civile* ma gew pprezentati ebda ricevuti u ghalhekk din l-akkuza ma gietx ippruvata.

Illi wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali kif ukoll x-xhieda moghtija, il-Qorti hija konvinta illi l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi. Illi rigward it-tieni imputazzjoni din ma gietx ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tillibera lill-imputat mit-tieni (2) akkuza, u wara li rat l-Artikolu 7, 11 u 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **hati ta' l-ewwel (1) akkuza migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' elf Euro (€ 1,000).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**

[2]Deciza mill-Imhallef Godwin Muscat Azzopardi fit- 22 ta' Marzu 1991.
[3]Deciza mill Imhallef William Harding fl-24ta' Gunju 1961.